# Il-ġlieda kontra drogi 'ġodda'!

It-teħid tad-drogi, speċjalment miż-żgħażagħ, qiegħed kulma jmur jiżdied. F'dawn l-aħħar snin, minbarra ż-żieda fit-teħid tad-drogi tradizzjonali bħall-kannabis, il-kokaina u l-eroina, qegħdin jiċċirkolaw drogi 'ġodda' li l-effetti tagħhom jixbħu dawk tad-drogi 'tradizzjonali'. Is-sena l-oħra nstabu fiċ-ċirkolazzjoni fl-Unjoni Ewropea mal-41 sustanza ġdida ta' dan it-tip (24 iktar mis-sena ta' qabel); kważi waħda ġdida fil-ġimgħa!

Minn stħarriġ riċenti tal-UE nstab li 5% taż-żgħażagħ intervistati qalu li kienu ħadu minn dawn id-drogi. Fost il-Maltin intervistati kienu biss 0.3% li ħadu minn dawn id-drogi u kollha qalu li ġew offruti lilhom waqt *parties*. Waħda mill-ikbar problemi li qed joħolqu dawn id-drogi 'ġodda' hi li sakemm droga 'ġdida' tinqabad tiċċirkola fis-suq, tkun għadha mhix meqjusa illegali. Madankollu l-biċċa l-kbira ta' dawn iż-żgħażagħ huma favur li dawn id-drogi 'ġodda' jkunu pprojbiti. L-Olanda, pajjiż li fih il-kannabis mhix illegali, għandu l-ogħla persentaġġ ta' żgħażagħ li qalu li dawn id-drogi 'ġodda' għandhom jiġu pprojbiti.

In-nies intervistati fl-istħarriġ qalu wkoll liema miżuri jaħsbu li għandhom jittieħdu mill-awtoritajiet. Bosta pproponew miżuri iktar ħorox kontra t-traffikanti, iktar kampanji ta' informazzjoni, u miżuri kontra l-qgħad u l-faqar; iżda ftit kienu dawk li qalu li d-droga għandha tiġi legalizzata!

Il-Kummissjoni Ewropea fix-xhur li ġejjin se tipproponi liġijiet iktar ħorox kontra l-produzzjoni, l-użu, u t-traffikar ta' drogi 'ġodda' filwaqt li se tkun qiegħda titlob il-veduti ta' kull min hu interessat dwar xi jkun l-aħjar rispons biex il-ġlieda kontra d-drogi tkun iktar effettiva.



Malta-EU Steering & Action Committee

indirizz: 280, Triq ir-Repubblika, Valletta tel: 2200 3300 email: info.meusac@gov.mt
www.meusac.gov.mt

Avviż bi ħlas